MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 864/2008

**Bank of Valletta p.l.c**
**(C 2833)**

**vs**

**Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja (I.D. nri. 614955M u 267058M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c datat 26 ta’ Awwissu 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, datati 4 t’April 2003 u 25 ta’ Jannar 2006 (Dok A u B), kif ukoll permezz ta’ skrittura privata Dok C. datata 29 ta’

Settembru 2005 is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja fis-somma ta' sitta u tletin elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€36,324.57) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok D1 sa D3, Dok E1 sa E2, Dok F1 sa F3, Dok G1 sa G4 u Dok H1 sa H4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Awwissu 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja:

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura;
b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew,
c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

1. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

2. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Lulju 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok I, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet lill-inimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l- Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja :

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura;
b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew;
c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici

2. Tikkundanna lil Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tletin elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€36,324.57) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok D1 sa D3, Dok E1 sa E2, Dok F1 sa F3, Dok G1 sa G4 u Dok H1 sa H4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Awwissu 2008 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Lulju 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas- socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 11 ta' Dicembru 2008 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat.

Rat il-verbal tal-lum 14 ta' Jannar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Domnic Cassar ghas-socjeta' attrici u l-Prokuratur Legali ghall-istess.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati, u fuq ammissjoni tal-mertu

*da parte* tal-konvenuti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja :

a)naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura;
b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew;
c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici

Tikkundanna lil Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tletin elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€36,324.57) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Eric u Mary Doris mizzewgin Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok D1 sa D3, Dok E1 sa E2, Dok F1 sa F3, Dok G1 sa G4 u Dok H1 sa H4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Awwissu 2008 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------